# XENQIT IR-RABA'

Ifthuli dawn is-swar ħa' noħroġ barra
Fix-xemx, qalb l-għana ta' l-agħsafar, fl-ajru
Mimli bis-saħħa, jfuħ b'riħit il-plejju
B'riħit is-sagħtar;

Ma rridx niddellel iżjed f'dawn it-toroq
Li minnhom jidher terħa kaħla s-sema;
Taħt riġlejja ma rridx qatran u żonqor
Jiebes bla ħniena.

Ma rridx nara l-uċuħ imqarrsa, mbergħna
Ta' nies imdejqa li jitħaddtu wħudhom,
Jew nies għażżiena li titlajja w-taħseb
Kif tgħallet l-għajrha.

Anqas nara ma rrid xebbiet żinżilli
Wiċċhom bħall-karta w-lewn in-nar xoftejhom,
Minngħajr satra fil-lbies, ixerrdu qalbhom
F'imħabba fiergħa:

Irrid taħt riġli nħoss ir-rtuba ħelwa
Tal-ħaxix niedi, w-nara fuqi l-beraħ
Tas-sema safi, w-nisma qalb is-siġar
Tħaxwex il-fewġa.

Irrid nara d-dirgħajn somor, godlija
Ta' rġiel li taħdem u fil-ħidma tgħanni,
Uċuħ daħkana li minn fommhom toħroġ
Għaslija l-kelma,

Il-kelma safja li minn qalbhom taqbeż
Kif l-ilma jfawwar minn ġo blata samma,
Il-kelma bnina li għallmithom ommhom,
Nieżla mill-qedem.



Irrid nara xebbiet xuxthom mikxufa,
Jew satra daqs id-deh'b, jew sewda tuta,
Ħarsithom berqa, kull ma fihom saħħa,
U bla ma jafu

Ħenjin; qawwija fi mħabbithom siekta,
Il-mixi rżin, għalkemm ġenbejhom jaqbżu
Ma' kull medda ta' riġel, u sidirhom
Jiżfen mal-mixja.

Irrid nisma' lix-xjuħ ta' tmenin sena
Jitħaddtu bla ma jgergru, w-minngħajr biża'
Tal-mewt li fuqhom bħal ħabiba tersaq,
Itennu l-ġrajja

Ta' żmienhom li jiftakru waħda b'waħda,
U nilmaħ għaddejjin fuq wiċċhom, qiesu
Fuq mera, l-ferħ, il-hemm, il-biża', t-tama
Li ntisġu magħhom.

Irrid dar ċkejkna li fuq ġbinha tisreġ
Ix-xemx ta' nofs-in-nhar, imżejna bl-aħdar
Tad-dwieli u tal-lariġ, nadifa w-bajda
Bl-insiġ tar-raħal,

U hemm nixtieq immut: minn hemm tittajjar
Aktar ħafifa qalbi lejn is-sema;
Aktar ħieles hemmhekk jinġabar ħsiebi
Fil-ħniena t'Alla.

**Dun Karm.**

## FRÂK
(Minn Shakespeare)

Jekk sraqtli flusi, sraqtli ħaġa ċkejkna,
Iżda jekk sraqtli ġiehi, sraqtli kollox,
Faqqartni sewwa, w-ħajti sfat imsejkna.

**D. K.**